**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Keith Joseph Mallia**
**Mario Mallia**

**Kumpilazzjoni numru 526/2017**

**Illum 12 ta' Marzu, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Keith Joseph Mallia** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 148471 (M) u l-imputat **Mario Mallia** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 19998 (M) billi huma akkuzat talli fit-22 ta' Novembru 2017 għall- ħabta ta' l-erbgha u nofs ta' wara nofs inhar (16:30 hrs) ġewwa Triq Throughbridge il- Marsa:

1. Bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe' delitt ta'serq minn gewwa fabbrika J&L Muscat Coldstores li tinsab gewwa Triq Throughbridge il-Marsa wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat, bil-mezz, bil-valur li jeccedi il-232.94 Euros u bil-hin ghad-dannu ta' John A Muscat

u/jew persuna/i ohra. u dan bi ksur tal- Artikli Art. 41 261 (b) (c) (f), 263 (a)), 267, 270, tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

2. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, dahlu fil- fabbrika J&L Muscat Cold Stores li tinsab fi Triq Throughbridge il-Marsa jew lok ieħor jew f'reċint b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 264, 265 u 266, għalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat eħor, għall-fatt biss tad-dħul hawn fuq imsemmi, meta miċ-ċirkostanzi kien jidher li l-ħsieb tal-ħati kien li jagħmel serq jew ħsara lil proprjetà jew xi reat kontra l-persuna kif definit fl-artikolu 5(1)(d), inkella meta kien ġa ġie kkundannat għal xi reat minn dawn jew għal waħda mill-kontravvenzjonijiet imsemmijin fl-artikolu 338(i) u(w), u dan bi ksur tal- Artiklu 330. tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

3. talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, fil-fond fabbrika J&L Muscat Coldstores li tinsab gewwa Triq Throughbridge il-Marsa b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament hassaru, jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg ta' John A Muscat mobbli jew immobbli ghal dannu ta' aktar minn €23.29 rispettivament u dan bi ksur tal-Artikli 325 (1) (c) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

4. talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuni ikkundannati f'Malta għal serq, jew għal riċettazzjoni, instab fil-pussess ta'oġġetti oħra, li ma kienux tal-kondizzjoni tiegħu, mingħajr ma ta' kont sodisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu kif ukoll instabu għandu mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu għandu forom ta' serraturi, mingħajr ma ta'kont sodisfaċenti għal liema skop leġittimu jinsabu għandu f'dak iż-żmien, u dan bi ksur tal-Artikl 287 tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9.

**Lil Keith Joseph Mallia wahdu akkuzat ukoll talli:**

1. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil-hinijiet ta' qabel fl-istess gurnata, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAP986 tal-

ghamla Isuzu meta kellha il-licenzja skaduta Art. 3 (1) Kap 104, Art. 13 L.S. 368.02.

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza inghatat fit-13 ta' Mejju 2015 mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri LLD u liema sentenza giet estiza fid- 19 ta' Lulju 2016 ghal zmien sentejn mill-Magistrat Dr.F.de Pasquale, u liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu Art 28C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta .
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Neville Camilleri LLD fid-digriet tieghu tal-4 ta' Marzu 2013 li bih tat il-helsien mill-arrest. Art. 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Carol Peralta LLD fid-digriet tieghu tat-22 ta' Lulju 2015 li bih tat il-helsien mill-arrest. Art. 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Gabriella Vella LLD fid-digriet taghha tat-3 ta' Dicembru 2015 li bih tat il-helsien mill-arrest. Art. 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Audrey Demicoli LLD fid-digriet taghha tat-12 ta' Jannar 2016 li bih tat il-helsien mill-arrest. Art. 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

**Lil Mario Mallia wahdu akkuzat ukoll talli:**

1. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-

Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Vella LLD datata 11 ta' Marzu 2015, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel: Artikoli 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza inghatat fit-12 ta' Jannar 2017 mill-Magistrat Dr. C.Farrugia Frendo LLD u liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu Art 28C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta .
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Audrey Demicoli LLD fid-digriet taghha tat-12 ta' Jannar 2016 li bih tat il-helsien mill-arrest. Art. 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skont il-ligi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom Keith Joseph Mallia, Mario Mallia inghataw il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmija mputati kif ukoll tordna li s-sommom bhala depoziti u garanziji personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna is-sekwestru tal-vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni JAP986 hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

**Fatti tal-Kaz**

Nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) waranofsinnhar l-Pulizija waslitilhom informazzjoni anonima illi xi ftit hin qabel u cioe' ghall-habta tal-erbgha u nofs gewwa fabbrika mitluqa fil-Marsa seta' kien hemm xi persuni li kienu qeghdin jisirqu. Il-Pulizija marru fuq il-post, u fil-fabbrika bl-isem ta' J&L Muscat Cold Stores gewwa Triq Troubridge, il-Marsa sabu lill-imputati Keith Joseph Mallia u Mario Mallia. L-imputati stqarrew mal-Pulizija illi dahlu hemm ghaliex kellhom bzonn jaqdu l-htigijiet persunali taghhom, filwaqt li tennew li huma ma kienu missew l-ebda affarijiet minn go din il-fabbrika.

L-**Ispettur Hubert Cini** spjega li l-imputat Keith Joseph Mallia tkellem mieghu biss fuq it-trakk li nstab barra tal-fabrika u li ghandu n-numru tar-registrazzjoni JAP 986 fejn qallu li kien ta' missieru Emanuel Mallia. L-imputat spjega li t-trakk kien bl-*insurance* imhallsa imma licenzja ma kellux ghax kien qieghed iduru ghal VRT. L-imputat spjega li kien dak in-nahhat minhabba li kellu jmur ghand persuna George it-tellar imma dak il-hin ma kienx hemm. Huwa spjega li kien saqu minn Hal Ghaxaq sal-Marsa. Fil-vettura nstabu mannara zghira, tliet hbula, plier u sealer.

**Il-verzjoni tal-imputati**

L-imputat Mario Mallia meta kellmuh il-pulizija cahad illi huma kienu dahlu f'dik il-fabbrika sabiex jisirqu xi oggetti. Mario Mallia qal li dahlu fil-fabbrika abbandunata minhabba illi qabadhom il-bzonn biex juzaw toilet u ma felhux jissaportu. Mario Mallia fl-istqarrija tieghu jghid:

*MM: Jien kont qieghed hemm naghmel toilet, bil-bieb miftuh, qabdu missieri u kelli jien ukoll, lil missieri ghidtlu imxi immorru d-dar ghax jien nisaporti imma missieri qalli li hu le u ghamilt jien ukoll u biex nghidlek is-sewwa ghamilt u hrigt t-tissue u armejtu. Konna qeghdin hemm ghax il-vann bla licenzja konna ser niehduh ghand Gorg il-mekkanik u tillar imma lehaq telaq. Ghad ghandna il-bumper ghandu.*

*[…]*

*MM: Iva kemm kont, hemm nahseb ghax konna go kmamar differenti, kien hemm dlam cappa u fettili naghmel toilet.*

*[…]*

*MM: Konna qeghdin naghmlu toilet, fil-fatt il-Pulizija tani cans inlesti.*

*Spettur: Nghid sewwa li hdejkom kien hemm unit tal-aircondition maqtugh frisk?*

*MM: Le mhux veru*

*Spettur: Nghid sewwa li dan il-unit tal-aircondition kien ghad kellu l-hydraulic pipe jqattar?*

*MM: Le jien lanqas biss naf bih.*

*Spettur: Nghid sewwa li l-Pulizija staqsikom x'kontu qed taghmlu hemm gewwa?*

*MM: Iva u ahna wegibna li konna qed naghmlu toilet.*

*Spettur: Nghid sewwa li l-Pulizija semghukom tkaxkruh dan l-airconditioner?*

*MM: Le jien ma kaxkart xejn, mhux veru.*

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

1. **Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputati. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbilta'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzati jigu misjuba hatja l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it*

*admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**2. Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

3. ***Presumption of facts* u provi cirkostanzjali**

Il-Qorti qabel tghaddi biex tanalizza l-imputazzjonijiet thoss li ghandha taghmel espozizzjoni dwar il-*presumption of facts* u l-provi cirkostanzjali.

Fi kliem Sir Rupert Cross,

> *Presumptions of fact* (praesumptiones hominis*) are merely frequently recurring examples of circumstancial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact.*[1]

Bhala ezempju ta' prova indizzjarja li minnha wiehed jista' jigbed konkluzzjoni partikolari, l-istess awtur jaghti l-ezempju tad-drawwa (*habit*):

> *The fact that someone was in the habit of acting in a given way is relevant to the question whether he acted in that way on the occasion into which the court is inquiring.*[2]

U fl-edizzjoni tal-2018 ta' **Archbold** jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt:

---

[1] Cross, R., Cross on Evidence Butterworths (London), 1979, p. 124. Ikkwotat mill-Prim Imhallef Vicent Degaetano fl-Appell Kriminali Inferjuri Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda deciz 24 ta' April, 2002: Appell Nru 228/2001

[2] ibid. p. 40.

These are inferences which the court may draw from the facts which are established, but it is not obliged to draw.

For example where a defendant charged with handling stolen goods is found to be in possession of those goods without any explanation, this circumstantial evidence may give rise to a provisional conclusion that the defendant is the handler of those goods.

In some cases a rebuttable presumption of law imposes a legal burden of proof which must be satisfied to the requisite standard of proof in order to rebut the presumption, whereas some presumptions merely impose an evidential burden. For example, the presumption that a machine was working properly may be rebutted by merely adducing evidence to the contrary: *Tingle, Jacobs and Co v. Kennedy* [1964] 1 W.L.R. 638. In contrast, in order to rebut the presumption, created by section 74(3) of the Police and Criminal Evidence Act 1984, that the defendant committed an offence of which he was convicted, the Court of Appeal has held that the defence must prove on the balance of probabilities that the defendant did not commit the offence: *Watson* [2006] EWCA Crim. 2308. Similarly, in *Miell* [2008] 1 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal treated s.74(3) as shifting the burden of proof onto the accused. In *C*[2011] 1 Cr.App.R. 17, however, the Court of Appeal, without reference to *Watson*, referred, at p.225, to s.74(3) as creating an "evidential presumption" and indicated that "if the defendant does adduce evidence to demonstrate that he is not

guilty of the offence, it remains open to the Crown then to call evidence to rebut the denial". In *Clift* [2012] EWCA Crim. 2750 the Court of Appeal indicated that s.74(3) shifts the burden of proof to the defendant and that the prosecution is not required to prove to the criminal standard the matters covered by s.74(3). Equally, in *R. v. O'Leary* [2013] EWCA Crim 1371 the Court of Appeal held at para.19 that, "The effect of section 74(3) is that the defendant bears the burden of proving that he did not commit the offence".

In *Zawadzka* [2016] EWCA Crim 1712, where evidence of a theft conviction committed in Poland by the defendant was admitted in a murder trial, the Court of Appeal accepted that the judge should have directed the jury that if the defendant proved on the balance of probabilities that she had not committed the offence then the jury should 'dismiss it from their minds'.

Even where a presumption imposes a legal burden of proof, if the imposition of a legal burden of proof upon the defence would give rise to a violation of art. 6(2) of the ECHR it may be necessary to read down the relevant statutory provision under section 3(1) of the Human Rights Act 1998, in line with the principles that were considered at §§ 10-11 and 10-12, *ante*, such that it merely imposes an evidential burden. Indeed, statute may expressly impose the evidential burden of rebutting a presumption upon the defendant. For example, in relation to the evidential presumptions about consent which section 75 of the Sexual Offences Act 2003 created, s.75(1) provides that:

> "… the complainant is to be taken not to have consented to the relevant act unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he consented, and the defendant is to be taken not to have reasonably believed that the complainant consented unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he reasonably believed it."
>
> It appears that the effect of this provision is that the burden of disproving the relevant issue remains on the prosecution provided that evidence that is not merely "fanciful or speculative" has been adduced to raise the issue: *Ciccarelli*[2011] EWCA Crim. 266.[3]

Huwa minnu li fl-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputati u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza

[3] Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice – 2018 Sweet & Maxwell (London), para. 10-15, p. 617-618.

fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Jason Lee Borg'</u>**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzati mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzati biss, li huma l-hatja u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza taghhom. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kienu l-imputati biss li ghamlu dak li gew akkuzati bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputati b'mod univoku bir-reati addebitati lilhom. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil'</u>**,

> "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li ipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** jghid:

> "*Where reliance has been placed by the prosecution on circumstantial evidence the proper approach is to determine whether a reasonable jury properly directed would be entitled to draw an adverse inference from the combination of factual circumstances by dismissing other possible explanations in relation to that evidence: Jabber [2006] EWCA Crim. 2694; G [2012] EWCA Crim. 1756. In London Borough of Haringey v. Tshilumbe, 174 J.P. 41, a senior environmental health practitioner for*

*the local authority had affixed a hygiene emergency prohibition notice to T's premises. After the notice was affixed he returned to the premises and found a group of individuals sitting at a table eating food from plates and drinking from cans. It was alleged that T had failed to comply with the notice as he had continued to operate the premises as a food business. The magistrates held that T had no case to answer as the local authority had produced no evidence that the food and drink that were on the table had been provided to the occupants of the premises by T in the course of a food business. It was held that justices had been wrong to find that there was no case to answer; it could be inferred from the circumstances that the premises were being used for a food business and the defendant should have explained himself at trial. Strong circumstantial evidence may be sufficient for the court to find a case to answer: Danells [2006] EWCA Crim. 628.*[4]

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**'.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni[5].

[4] Ibid. Pg. 533 para 8-119

[5] Il-Qorti fliet fid-dettal l-argumenti migjuba fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Abdellah Berrard et** moghtija mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera fid-19 ta' Mejju 2014

4. **<u>Prezunzjoni tal-innocenza</u>**

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal perezempju d-difiza tal-insanita'.

Huwa principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is-segwenti:

> "*every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty...*"

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet **'Il-Pulizija v Michele Borg et'** (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

> "*illi skont il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico;* '*the accused is presumed innocent until proved guilty.*' "

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament prezunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzati ma jridu jipprovaw xejn dwar l-innocenza taghhom - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija taghhom. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputati, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq

il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt,* li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI DWAR L-AKKUZI**

**<u>It-tentattiv</u>**

Illi l-ligi titkellem dwar it-tentattiv ta' reat fl-artikolu 41 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi illi: *"Kull min bil-hsieb li jaghmel delitt juri dana il-hsieb b'atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, jehel meta jinsab hati …. jekk id-delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati, il-piena stabbilita ghad-delitt ikkunsmat imnaqqsa grad jew zewg gradi."*

Mela allura mill-qari tad-disposizzjoni tal-ligi, johorgu tlett elementi essenzjali li jikkostitwixxu it-tentattiv u cioe':

1. Atti esterni li juru l-intenzjoni tal-persuna li tikkometti reat.

2. Bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt.
3. In-nuqqas ta'esekuzzjoni tad-delitt minhabba cirkostanzi indipendenti mill-volonta tal-hati[6].

Illi ghalhekk l-ewwel u qabel kollox l-intenzjoni tad-delinkwent trid tigi manifestata permezz ta'l-hekk imsejjha atti preparatorji. Bil-fors illi irid ikun hemm xi azzjoni, liema azzjoni trid tkun saret bl-intenzjoni specifika li jigi komess delitt, b'tali mod li ma thalli l-ebda dubbju dwar liema reat ikun qed jigi ikkontemplat. Madanakollu dawn l-atti preparatorji fihom infushom u wahedhom ma jistghu qatt iwasslu ghat-tenttativ u ghalhekk ghal xi htija fil-kamp penali, jekk l-hati ma ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt.

Kif jghid il-Professur Mamo fin-noti tieghu:

> *"To intend to commit a crime is one thing; to get ready to commit it is another; to try to commit it is a third. We may say indeed that every intentional crime involves four distinct stages – Intention, Preparation, Attempt and Completion. Action in pursuance of the intent is not commonly criminal if it does no more than manifest the mens rea, nor if it goes no further than the stage of preparation."*

Madanakollu kif ikompli ighid il-Professur Mamo, huwa difficli sabiex wiehed jigbed linja ta' demarkazzjoni bejn dak li jikkostitwixxi atti preparatorji biss u dawk l-azzjonijiet li jistghu imbaghad jigu ikklasifikati bhala l-bidu ta'l-esekuzzjoni tad-delitt. X'distinzjoni hemm bejn il-preparazzjoni sabiex wiehed jikkometti id-delitt u it-tentattiv ta'l-istess?

---

[6] Appell Nru: 211/2015 - Il-**Pulizija vs Charles Sciberras** deciz mill-Imhallef Edwina Grima fit-30 ta' Gunju 2016

Il-Professur Mamo, isostni u dana fid-dawl ta' dak li ighidu diversi gurisiti prominenti fosthom il-Cararra, Maino u Liugi Masucci:

*"So long as an overt act, whether in itself or by reason of the circumstances surrounding it, does not clearly show that it is directed to a criminal purpose, it cannot be regarded as an act of execution of a crime, because no act which in itself and in appearance is or can be innocent can be considered as a commencement of another offence. When, however, it appears clear that such act was directed to a criminal purpose, then, in order to decide whether such act represents a commencement of the execution of the crime it must be seen whether it forms part of that series of acts which, in their natural completeness would constitute the actual commission of the crime. If the act forms an integral parrt of this series of acts which in their completeness would consummate the crime, that act is one of execution. If, on the contrary, the act merely precedes the criminal action, to which it was directed and is such that, however much repeated, it could never accomplish the consummation of that crime, the act is not an act of execution."*

**<u>Is-serq</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad:

*"L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u*

*cioé: "La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro". (ara Il-Pulizija vs. Carmelo Felice, 10/1/42, Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali).*

Din id-definizzjoni hi suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-Codice Rocco:

*"Obiettivamente, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".*

Issa huwa pacifiku, kif anke gie accettat mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenzi taghha, li l-lukru mehtieg ghad-delitt ta' serq jista' jikkonsisti anki fi kwalunkwe tgawdija, pjacir jew sodisfazzjon li l-halliel jipprokura lilu nnifsu bil-haga misruqa (b'referenza ghas-sentenza talQorti Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija v. James Chetcuti**, 3 ta' April 1943 – Kollez. XXXI.iv.500).

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Pawlu Scicluna et** (9 ta' Dicembru 1944 – Kollez. XXXII.iv.814) intqal hekk fir-rigward ta' l-*animus furandi* rikjest fir-reat tas-serq:

> *'Bil-kelma lucro wiehed ma ghandux jifhem biss lokupletazzjoni venali, jew borswali, imma kwalunkwe vantagg, kwalunkwe sodisfazzjon, kwalunkwe utili, pjacir, beneficcju, jew kommodu, li lhati jkollu fi hsiebu li jipprokura' (p.820).*

L-istess fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Carmelo Felice** (10 ta' Jannar 1942 – Kollez. XXXI.iv.458) intqal:

> *'Fuq id-dolo specifiku ghar-reat tas-serq, jigifieri l-iskop tal-lukru, skond id-dottrina huwa bizzejjed li dak il-lukru jkun potenzjali jew possibbli; u l-Impallomeni (Commento al Codice Penale Italiano, Vol. IV, p.14, no. 1843) jghid li 'per lucro e profitto del furto si intende non soltanto il lucro personale che puo` ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso, onde anche chi rubi per denaro o chi sottragga per mero diletto artistico un'opera d'arte, anche lasciando al proprietario il prezzo od altro oggetto di pregio equivalente o superiore, e` responsabile' (p. 460)."*

Fit-teorija accettata dwar il-kwistjoni tal-valur tas-serq, anki ammont zghir hafna huwa bizzejjed. Jirreferi ghall-gurista Carrara li jghid li *"purche` un qualche valore ci sia, per quanto minimo, e` sempre furto"*.

Il-principju generali f'kaz ta' allegat serq huwa li sakemm mic-cirkostanzi jirrizulta manifestament li l-oggett inkwistjoni ma hux *res nullius* u lanqas *res derelicta*, hemm id-delitt ta' serq.

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Carmel Camilleri et** (Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-13 ta' Mejju 2009) inghad:

*"Dwar dan il-punt il-Professur Mamo jaghmel din l-osservazzjoni:*

*The thing, the subject matter of the theft must be a res aliena, that is a thing which belongs to some other possessor at the time of the taking. .... It is sufficient for the crime of theft that the person taking it away had no right thereto. .... The rule that the thing must be in possession of others implies that there cannot be a theft of a res nullius or of a res derelicta. ... An article that has an owner may come to be intentionally abandoned by him and of such derelict articles there can be no theft.*

*'But an article that has no owner may come to be intentionally abandoned by him and of such derelict articles there can be no theft. Thus wrecks which have been abandoned without any intention of salvage or recovery are incapable of being stolen. A sound rule seems to be that laid down by an English Court in 'Rex versus White' to the following effect: ' If there is any ground for supposing that the accused may have believed the articles found to have been abandoned by its*

*owner, the jury must be carefully directed with regard to the matter, since, if the jury find that belief as a fact, the accused is not guilty.'*

*Min-naha l-ohra f'edizzjoni aktar ricenti tal-Archbold minn dik li minnha kien qed ikkwota l-Professur Mamo hemm dan li gej: In 'Williams versus Phillips', dustmen employed by a corporation were convicted by justices of stealing goods from dustbins collected in the course of their duties. It was held that refuse put in a bin was not abandoned; it was the householder's property until it was taken away, when it became the corporation's property.'*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs George Ebejer** (18 ta' Novembru 2001) intqal:

*"Hu principju minn zmien adottat fil-gurisprudenza maltija, illi min japproprija ruhu minn oggett li jkun sab f'cirkustanzi tali li juru li dak loggetti ghandu sidu u ma giex abbandunat, li ma hux, cjoe' la "res nullius" u lanqas "res derelicta", jikkommetti serq ta' dak l-oggett.*

*Dan ir-reat ma jikkostitwix il-kontravenzjoni ta' min isib hwejjeg li jkunu naqsu lil xi persuna, jew li din tkun tilfet u ma jgharrafx bihom fi zmien tliet ijiem lill-Pulizija Ezekuttiva; imma hu reat ta' serq.*

*Imma ghall-integrazzjoni ta' dan ir-reat mhux bizzejjed l-element tan-nuqqas tal-konsenja tal-haga misjuba lill-Pulizija fiz-zmien preskritt mill-ligi, "stealing by finding" imma jehtieg ukoll li mic-cirkustanzi tirrizulta lintenzjoni tal-approprijazzjoni."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs John Zammit et** (Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-28 ta' Lulju 2004) gie ritenut:

> *"Minn naha tal-imputati pero' id-Difiza tghid li ma hemmx l-elementi kostituttivi ta' dan d-delitt ta' serq, ghaliex huma ma kienux serqu dawk loggetti ta' sid injot, izda kienu biss sabuhom wara li gew abbandunati u ma gewx mitluba jew rikjamati minn xi hadd. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ndikata millProsekuzzjoni u cioe Il-Pulizija v Patrick Xuereb u John Mary Galea moghtija nhar l-hdax ta' Lulju 1995 kif wkoll ghal sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghxorin ta' Settembru 1996 flismijiet Il-Pulizija v Alfred Camilleri fejn gie ritenut li:*
>
> *"Hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna li minn isib oggett f'post pubbliku f'cirkostanzi li wiehed jista jifhem li ma kienux mitlufa, abbandunati jew li ma kienu ta' hadd u jippriva ruhu minnhom, dak li jkun, qed jikkommetti serq."*

Il-Professur Mamo fil-Criminal Notes, jghid:

> *"Though there may be a theft only where a thing at the time of being stolen, belonged to some other person, yet it is not necessary that this person should be a full owner, he me be a person having possession or control of the thing. It is not necessary that the owner be known or discoverable… it is sufficient for the crime that the person taking the object away, had not right thereto. In fact it is not necessary that the*

*person taking the object away had no right thereto. In fact it is not necessary that the person from whom the thing is taken, shall have been the owner thereof in the full sense of civil law."*

*Mill-banda l-ohra jigi rilevat illi skont gurisprudenza lokali jekk persuna genwinament temmen li l-oggett li qed tiehu pussess tieghu kien gie abbandunat minn sidu, jew li hu res nullius, allura, jigi nieqes l-element formali tar-reat ta' serq.*[7]

...

*"Any honest mistake will negative this ingredient [that the contrectatio must be fraudulent] as where the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own."*

Sabiex qorti tasal ghal konkluzzjoni li tali zball kien wiehed genwin, trid tkun wkoll sodisfatta li dak l-izball kien wiehed ragjonevoli fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Fis-sentenza Il-**Pulizija vs Danrof Vella** (Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-18 ta' Mejju 2015) il-Qorti kkwotat lil gurista Antolisei:

*"….il-gurista Antolisei jghallem li:*

*Le cose che erano gia` di proprjeta di taluno divengono nullius quando siano abbandonate (res derelictae) e cioe' quando il proprietario se ne spoglia con l'intenzione di rinunciare al proprio dominio. Tali sono ad*

[7] Ara Il-**Pulizija v Dennis Sghendo et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar ssitta ta' Jannar 2000

*ezempio le cose gettate nella pattumeria e percio` chi se ne appropria non commette furto. Con le cose abbandonate non vanno confuse le cose smarrite.*

*Ghalhekk biex jissussisti reat ta' serq irid jigi pruvat l-element formali. Jekk persuna genwinament temmen li l-oggett li qed tiehu pussess tieghu kien gie abbandunat minn sidu, jew li hu res nullius, allura, jigi nieqes l-element formali tar-reat ta' serq.*

Fi kliem il-Professur Mamo

*... the taking must be with the consciousness of abstracting or taking the property of others. Any honest mistake will negative this ingredient, as when the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own. It would appear that any such mistake excludes theft even if it is incurred into through negligence. As Carrara says non puo concepirsi la figura giuridica di un furto colposo. ... The best evidence that there was no fraudulent intent is that the goods were taken quite openly. A surreptous taking, or a subsequent denial of the taking or a concealment of the goods suggests a fraudulent intent."*

**Serq ikkwalifikat bil-valur**

Dwar l-aggravju tal-valur il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jiddisponi l-ligi u cioe' l-Artikolu 267 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

*"Is-serq huwa kkwalifikat bil-"valur", meta l-haġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin ċenteżmu (232.94)".*

Illi fil-kaz taht ezami l-Prosekuzzjoni ma gabitx stima tal-valur tal-oggetti li kien hemm fil-fabbrika izda l-Qorti bl-esperjenza taghha kemm fil-Gudikatura kif ukoll bhala espert tal-Qorti ghal numru ta snin tista' tasal li l-c-*chillers* jiswew anke fl-istat li kienu jiswew aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin ċenteżmu (232.94).

**Serq ikkwalifikat bil-mezz**

Dwar l-aggravju tal-mezz il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jiddisponi l-ligi u cioe' l-Artikolu 263 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

*Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz" –*

*(a) meta jsir bi ksur ta' gewwa jew ta' barra, b'imfietah foloz, jew bi skalata;*

*(b) meta l-halliel jizbogh wiccu, jew jilbes maskra jew ghata ohra tal-wicc, jew jaghmel xi tibdil iehor ilbies jew fis-sura, jew meta, sabiex jaghmel is-serq, jiehu t-titolu jew il-libsa ta' ufficjal civili jew militari, jew jippretendi li ghandu ordni mahrug minn awtorità pubblika li jkun falz, ukoll jekk dawn il-mezzi qarrieqa ma jkunux fil-fatt swew biex jghinu s-serq, jew biex ma jikxfux il-halliel.*

**264.** *(1) Taħt l-isem ta' "ksur" jidħlu kull tbattija fl-art, ksur, ħatt, ħruq, qligħ, tagħwiġ jew sgassar ta' ħajt, li ma jkunx ħajt ta' għalqa mibni bis-sejjieħ, saqaf, qofol, katnazz, bieb jew ta' mezzi oħra bħal dawn li qegħdin sabiex ma jħallux id-dħul f'dar jew f'lok ieħor jew f'reċint, jew biex isakkru jew jerfgħu fiż-żgur ħwejjeġ jew oġġetti oħra f'kaxex, fi snieda f'armarjijiet jew reċipjenti oħra, u kull ksur ta' kaxxa, senduq jew reċipjent ieħor saħansitra jekk dan il-ksur ma jsirx fil-lok fejn ikun sar is-serq.*

Invista tx-xhieda li ta' John Muscat il-prosekuzzjoni ma pruvatx dan l-aggrqavju minghajr dubju dettat mir-rarguni.

**<u>Serq ikkwalifikat bil-hin</u>**

Skond l-artikolu 270 tal-Kodiċi Kriminali, is-serq huwa kkwalifikat bil-"ħin" meta jsir "*bil-lejl, jiġifieri bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx*".

Skont ix-xhieda li nstemghu, l-kaz sehh wara nofsinnhar u ghalhekk ma kinetx ghadha nizlet ix-xemx. Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ukoll tat l-impressjoni li l-kaz sehh kmieni filghodu u mhux wara nofsinnhar kif jirrizulta mill-provi.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar in-nuqqas ta' intenzjoni**

Il-punt ewlieni mqajjem mid-difiża huwa dwar in-nuqqas ta' intenzjoni li l-imputati kellhom li jisirqu.

Skond in-Noti tal-Professur Sir Anthony Mamo, 'il-*contractatio* għandu jkun frawdolenti'. Dan ifisser:

> **'The abstraction or taking must be with the consciousness of abstracting or taking the property of others. Any honest mistake will negative this ingredient as where the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own. It would appear that any such mistake excludes theft even if it is incurred through negligence. As Carrara says: 'Non puo' concepirsi la figura giuridica di un furto colposo. (loc.cit 2023).'[8]**

L-Antolisei jimxi fuq l-istess linji:

> 'Secondo le regole generali il dolo non sussiste se l'agente erroneamente credeva che la cosa fosse propria o che il possessore avesse assentito all'asportazione.'[9]

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali '**Il-Pulizija (Spettur Pio Pisani) versus Dennis Sghendo u Brian Vella'**[10] fis-6 ta' Jannar, 2000 mogħtija mill-Imħallef Vincent Degaetano fil-Qorti fejn hemm referenza għall-kaz '**Il-Pulizija versus Lorenzo Depares et**' fejn l-Imhallef Augustus Bartolo uza dawn il-kliem:

---

[8] Mamo Anthony Professor Notes on Criminal Law Part II paġina 279.

[9] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale (1989) Parte Speciale 1 page 254

[10] Appell Kriminali Inferjuri Nru. 67/99 Il-kaz kien jittratta t-tehid ta' saqqijiet u armarji li hasbu li kienu abbandunati minn sidhom ghaliex il-post *camping site* ex zmien is-Servizzi Inglizi f'Ghajn Tuffieha kien zdingat u ma kienx qieghed jintuza.

**'L-imputati ma kellhom l-ebda ħsieb li kienu qed jagħmlu xi ħaġa ħażina jew kontra l-Liġi, u anqas u anqas li kienu qed jisirqu ħwejjeġ ħadd ieħor; u għalhekk f'dan il-każ tonqos mhux biss il-fehma li tisraq (l-*animus furandi*) li huwa meħtieġ biex wieħed ikun ħati ta' serq, iżda l-istess fehma ta' ħażen (*dolo generico*) li mingħajru ma jistax ikun hemm l-ebda delitt skond il-Liġi.'**

Fl-istess sentenza l-Imhallef Degaetano jellabora dwar l-eccezzjoni li kienu qajmu l-imputati Dennis Sghendo u Brian Vella li fis-sens li huma genwinament hasbu li dawk l-oggetti li hadu kienu abbandunati u li ghalhekk setghu johduhom.

"Fi kliem iehor, huma jikkontendu li f'dan il-kaz kien nieqes l-element formali rikjest sabiex ikun hemm ir-reat tas-serq u dan minhabba dak li hu essenzjalment zball ta' fatt (*mistake of fact*). Dan il-punt gie tratatt f'diversi sentenzi tal-qrati taghna, inkluzi anke sentenzi recenti ta' din il-Qorti (ara, fost ohrajn, ***Il-Pulizija v. Lorenzo Depares et.***, Qorti Kriminali, 16/1/35, Kollezz. Deciz. Vol. XXIX.iv.417; ***Il-Pulizija v. Alfred Camilleri***, App. Krim. 20/9/96; ***Il-Pulizija v. Carmel Debono***, App. Krim. 1/11/96). Issa, huwa principju pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna li min jiehu pussess ta' oggett li jsib f'xi lok taht cirkostanzi li juru li dak l-oggett jappartjeni lil xi hadd u ma giex abbadunat minn sidu jikkommetti serq (***Il-Maesta` Tieghu ir-Re v. Guzeppi Scicluna et.***, Qorti Kriminali, 11/3/43; ara wkoll Harding, W., *Recent Criminal Cases Annotated* (Malta), 1943, para. 17). Mill-banda l-

> ohra, jekk persuna genwinament temmen li l-oggett li qed tiehu pussess tieghu kien gie abbandunat minn sidu jew li hu *res nullius*, allura jigi nieqes l-element formali tar-reat tas-serq. Fi kliem Sir Anthony Mamo: "Any honest mistake will negative this ingredient [that the "contrectatio" must be fraudulent[11]], as where the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own" (*Criminal Law Notes* – II Year – p. 301). Naturalment, biex qorti tasal ghall-konkluzzjoni li tali zball kien wiehed genwin trid tkun ukoll sodisfatta li dak l-izball kien wiehed <u>ragjonevoli</u> fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."

Fil-fehma tal-Qorti l-imputati ippruvaw jaghtu l-impressjoni li huma ma kellhom ebda intenzjoni li jisirqu. Ghalkemm wiehed meta jara l-istqarrija ta' Mario Mallia tista' tinħass ġenwina, izda s-sens komun jghidlek li kieku l-imputati kellhom il-bzonnijiet naturali taghhom kienu ha jmorru f'post bhal dan? Ghaliex ghazlu li jiehdu dan is-sogru, f'post li suppost ma jafuhx flok imorru f'xi latrina jew jidhlu f'xi hanut tat-te? Ghaliex dahlu f'fabbrika abbandunata biex jaghmlu dan? Il-pulizija marru fuq il-post wara telefonata anonima u kien ghadda certu hin sakemm waslu fuq il-post.

[11] Il-kelma "fraudulent" hawn qed tintuza fis-sens ta' "dolozament" fil-kuntest tad-definizzjoni tas-serq tal-Carrara.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid l-**Archbold Magistrates Court Criminal Practice 2017**[12] meta jitkellem dwar *mistake of law*:

> **<u>An honest and reasonable belief that an action is not criminal is no defence, though it may afford considerable mitigation</u>:** *Johnson v. Youden* [1950] K.B. 544 at 546. (Enfasi tal-Qorti).
>
> A mistake as to the civil law may have the effect of negativing *mens rea*. For example section 2(1)(a) of the Theft Act 1968 provides that a person's conduct will not be regarded as dishonest if he appropriates the property in the belief that he has in the law the right to deprive the other of it, on behalf of himself or of a third person.

**KONKLUZZJONIJIET**

Il-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Brian Caruana** fit-23 ta' Mejju 2002 qalet li: **"Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konklużjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika u l-buon sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli."**

Issa, fil-każ in eżami l-kwistjoni tirrisolvi ruħha f'waħda dwar il-kredibilita` tax-xhieda prinċipali l-ufficjali tal-pulizija li marru fuq il-post wara informazzjoni li waslitilhom. F'dar-rigward tfakkar, din il-Qorti, li l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li **"ix-xiehda ta' xhud**

[12] Ippubblikat minn Sweet and Maxwell f'Awwissu 2016, pg. 754, para 12-95

**biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar"**.

**D**in il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti. Minn banda għandna l-verzjoni li ta' l-imputat Mario Mallia lill-Pulizija dwar kif sehh il-kaz fejn jghid li missieru kellu bzonn jaqdi l-bzonnijiet tieghu u l-istess hu u l-verzjoni tal-pulizija li xehdu quddiem din il-Qorti, liema verzjoni hija msahha bil-fatt li kien hemm unit tal-*aircondition* maqtugh frisk, il-*unit* tal-*aircondition* kien ghad kellu l-*hydraulic pipe* jqattar u li l-isess pulizija semghuhom hsejjes ta' tkaxkir. Huwa veru simili li jekk xi had jehtieg jaqdi l-bzonnijiet tieghu imur f'post abbandunat u mhux u mhux f'latrina pubblika jew f'xi hanut fl-inhawi? Huwa veru simili li min ikun qieghed jaqdi l-bzonnijiet tieghu ikollu l-bzonn ikaxakar xi oggetti f'dan il-kaz apparat tal-arja kkondizzjonata? Huwa veru simili li min imur jaqdi l-bzonnijiet tieghu ihalli tracci warajh ta' qtar ta' zejt frisk li kien hiereg mill-apparat misjub fuq il-post?

**<u>Ricediva</u>**

L-imputati qeghdin ikunu akkuzati ukoll li saru ricedivi b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi.

Skont gurisprudenza kostanti, il-prova tar-recidiva – sakemm ma jkunx hemm ammissjoni – hija;

> *"billi tigi esibita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva u wara ssir il-prova tal-identita'. L-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesibixxi dawk is-*

*sentenzi jibqa' dejjem minkejja l- ezenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova tal-identita'. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-akkuzat kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati.*

*Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti."* [13]

Ma' din is-silta mis-sentenza li ghaliha saret riferenza l-Qorti qed izzid *"li l-prova tar-recidiva, barra mill-ammissjoni tal-imputat innifsu tista' ssir ukoll billi tkun prodotta kopja tas-sentenza li jkun hemm indikat fiha n-numru tal-identita'. Dan in-numru jkun jista' jitqabbel ma' dak li jkollu l-imputat jew l-akkuzat. Ma jistax ikun hawn zewg persuni li jkollhom l-istess numru tal-identita'"*.[14]

Il-prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat Keith Joseph Mallia esebiet sentenzi moghtija fid-19 ta' Lulju 2016 (Dok HC1 *a fol.* 64) Il-**Pulizija vs Keith Joseph Mallia** fejn gie estiz il-perjodu ta' sospensjoni b'sentjen; fis-16 ta' Jannar 2011 Il-**Pulizija vs Keith Joseph Mallia et** (Dok HC2 *a fol.* 66) fejn gie kkundannat ghall-sena prigunerija effittva; fit-13 ta' Mejju 2015 Il-**Pulizija vs Keith Joseph Mallia** (Dok HC3 *a fol.* 72) fejn gie

[13] **Pulizija versus Carmelo Fenech** – Qorti tal-Appell Kriminali 8 ta' Frar 2005 Volum' LXXXIX Part IV paġna 287 et.

[14] Appell Kriminali Il-**Pulizija Vs Joseph Darmanin** deċiż mill-Imħallef Lawrence Quintano fid-9 ta' Lulju, 2012

kkundannat ghall-perijodu ta' tmintax –il xahar prigunerija sospiza ghal tliet snin; fis-26 ta' Marzu 2014 Il-**Pulizija vs Keith Joseph Mallia** (Dok HC6 *a fol*. 94) fejn gie kkundannat ghall-tnax –il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn u multa ta' hames mitt Ewro; fis-17 ta' Jannar 2017 Il-**Pulizija vs Keith Joseph Mallia et** (Dok HC7 *a fol*. 99) fejn gie kkundannat ghal sitt xhur prigunerija effittvi.

Il-prosekuzzjoni fil-konfront ta' Mario Mallia esebiet zewg sentenzi moghtija fis-17 ta' Jannar 2017 Il-**Pulizija vs Keith Joseph Mallia et** (Dok HC7 *a fol*. 99) fejn gie mqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tliet snin u fit-12 ta' Jannar 2017 Il-**Pulizija vs Clyde Mallia et** (Dok HC8 *a fol*. 106) fejn gie kkundannat hmistax –il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat*

*messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[15]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. U ghalhekk mhux accettabbli li jkollok min minghajr ma jkun ghex il-kaz, minghajr ma jaqra l-motivazzjoni ta' decizjoni jharbex dak li jiftillu f'mohhu, hafna drabi bi pregudizzju u dan mill-kumdita tal-ufficju tieghu bi skuza tad-dritt tal-espressjoni tal-kelma u ghax jahseb li huwa 'l fuq mil-ligi u *untouchable* fis-socjeta' taghna.

Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita

[15] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[16] dik il-Qorti qalet hekk:

*Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

16 Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputati.

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. George Farrugia** deċiż fit-18 ta' Jannar 2001 fejn l-appellat f'dak il-każ kien tqiegħed taħt ordni ta' *probation* u appella l-Avukat Ġenerali. Il-Qorti kienet qalet hekk:

> **"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna "a window of opportunity" li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing (Heinemann, London, 1979):**
>
> ***"'The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence***

*and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote"* **(pp. 22, 23).**

**"U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' Probation:**

***"'The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character'* (p. 236)."**

<u>**Ghin ruhek biex Alla jghinek**</u>

Fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz, ladarba l-imputati stess ma kienux hadu l-opportunita mogħtija lilhom f'ghadd ta' okkazzjonijiet, l-imputati jridu jifhmu li jridu jgħinu ruħhom biex Alla jgħinhom.

L-imputati ma jistghux jippretendu li l-Qorti tagħlaq għajnejha għal dawn il-fatti. L-imputati jekk iridu l-għajnuna jridu ikunu huma l-ewwel li jxammru il-kmiem. L-għajnuna ta' ħaddieħor mingħajr impenn serju taghhom ma huma ser iwasslu mkien.

Il-Qorti trid izzomm quddiem għajnejha mhux biss id-drittijiet tal-imputati. Il-Qorti tifhem li mhux kulħadd għandu x-xorti tajba li jkollu ħajja tajba u l-bogħod mill-kriminalita'. F'dan il-kaz il-missier mhux

ikun ta' ezempju ghall-iben tant li qieghed jiehdu mieghu fit-triq tal-hazen. Il-bniedem għandu s-setgħa tar-rieda u tar-raguni.

Illi in rigward tal-piena l-Qorti kkunsidrat in-natura repettitiva tar-reati mwettqa mill-imputati, in-nuqqas taghhom li jottemperawhom rwiehmom mal-ligi u tal-karattru refrattiv taghhom. Is-socjeta` jixirqilha protezzjoni minn persuni bhal l-imputati li jahsbu li jistghu jibqghu jghaddu biz-zmien lis-socjeta' inkluz il-Qrati.

Il-Qorti ma tistax tibqa' cassa quddiem min l-opportunitajiet li jinghata jinjorhom

Il-Qorti għalhekk sejra taghti piena ta' prigunerija effettiva lill-imputati.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti:

Ma ssibx lill-imputat Keith Joseph Mallia hati tat-tielet (3) imputazzjoni u wara li rat Artikoli 28C, 41 261 (b) (c) (f), 263 (a), 267, 270, 287, 325 (1) (c), 533, 579(2) tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta, Artikolu 13 tal-L.S. 368.02 u Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Keith Joseph Mallia hati tal-ewwel (1) bl-aggravju biss tal-valur, tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni, u ssibu hati ukoll tal-imputazzjonijiet kollha li fihom gie akkuzat wahdu u tikkundannah piena komplessiva ta' **tliet (3) snin prigunerija** effettivi.

Ma ssibx lill-imputat Mario Mallia hati tat-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni u wara li rat l- Artikoli 28C, 41 261 (b) (c) (f), 263 (a), 267, 270, 287, 325 (1) (c), 533, 579(2) tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta u Artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Mario Mallia hati ta' l-ewwel (1) bl-aggravju biss tal-valur u tieni (2) imputazzjoni u ma ssibux hati tal-ewwel (1) u r-raba' (4) imputazzjoni fejn jinsab akkuzat wahdu izda issibu hati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni li fihom gie akkuzat wahdu u tikkundannah **<u>tmintax (18)-il xahar</u>** prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu IX ta' l- Ligijiet ta' Malta qed tordna illi s-sentenza moghtija fil-konfront ta' Keith Joseph Mallia nhar id-19 ta' Lulju 2016[17] ta' **<u>tmintax (18)-il xahar prigunerija</u>** moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta tigi fis-sehh stante illi r-reati li dwarhom qed jinstab hati l-akkuzat gew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza. Rigward is-sentenza estiza mill-Magistrat Francesco Depasquale fid-19 ta' Lulju 2016 kien dik moghtija mill-istess Qorti fid-9 ta' Gunju 2015 ta' **<u>xahar prigunerija</u>** sospiza ghal sentejn u li minhabba li r-reati li dwarhom qed jinstab hati l-akkuzat gew kommessi fil-perjodu operatti ta' dik is-sentenza tigi fis-sehh immedjatament.

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu IX ta' l- Ligijiet ta' Malta qed tordna illi s-sentenza moghtija fil-konfront ta' Mario Mallia nhar it-12 ta' Jannar ta' 2017[18] ta' **<u>hmistax (15)-il xahar prigunerija</u>** sospizi ghal sentejn moghtija minn din il-Qorti kif diversament

[17] Moghtija mill-Magistrat Neville Camilleri fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
[18] Moghtija mill-Magistrat Caroline Frendo Farrugia fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

preseduta tigi fis-sehh stante illi r-reati li dwarhom qed jinstab hati l-akkuzat gew kommessi fil-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza.

Ghal kjarezza Keith Joseph Mallia bil-piena ta' prigunerija tal-llum u s-sentenzi sospizi li dahlu fis-sehh irid jaghmel b'kollox **erba' snin u seba' xhur prigunerija.**

Ghal kjarezza Mario Mallia bil-piena ta' prigunerija tal-llum u s-sentenzi sospizi li dahlu fis-sehh irid jaghmel b'kollox **sentejn u disa' xhur prigunerija.**

Il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni dwar ksur tal-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Vella LLD datata 11 ta' Marzu 2015, minhabba li l-Prosekuzzjoni ma pproducietx din is-sentenza f'dawn il-proceduri.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 579(1)(2)(3)tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-imputati wettqu reati bi vjolazzjoni tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest kif xehed dwar l-Ufficjal Prosekutur meta pprezenta kopja ta' dawn il-kundizzjonijiet[19], il-Qorti qed tordna li l-ammonti stabbiliti fil-helsien mill-arrest taht garanzija jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta u ghaldaqstant:

[19] Id-difiza ma kkontestatx li  d-dokumenti esebiti kienu jirreferu ghall-imputati Keith Joseph Mallia u Mario Mallia imputati f'din il-kawza.  Il-Qorti izda tippreferi li fil-formola fejn persuna tinghata l-liberta' provizorja barra l-isem u l-kunjon ikun hemm ukoll in-numru tal-karta tal-identita'.

Fir-rigward ta' Keith Joseph Mallia ghandu jigu hekk konfiskat l-ammont totali ta' dsatax –il elf u hames mitt Ewro (€19,500) hekk kif indikati fid-digrieti rispettivi ghall-helsien mill-arrest moghtija mill-Magistrat Dr. Gabriella Vella nhar it-3 ta' Dicembru 2015 a fol. 110, mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri fl-4 ta' Marzu 2013 a fol. 111, mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli nhar it-12 ta' Jannar 2016 a fol. 115 u mill-Magistrat Dr. Carol Peralta nhar it-22 ta' Lulju 2015 a fol. 117 **kif ukoll qed tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat taht dawk id-digrieti.**

Fir-rigward ta' Mario Mallia ghandu jigu hekk konfiskat l-ammont totali ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) hekk kif indikati fid-digrieti rispettivi ghall-helsien mill-arrest moghtija mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli nhar it-12 ta' Jannar 2016 a fol. 113 **kif ukoll qed tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat taht dak id-digriet.**

Inoltre` ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta tordna wkoll il-konfiska tal-vettura tal-ghamla Isuzu KB bin-numru ta' registrazzjoni JAP 986.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**